# QORTI ĊIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum 27 ta' Diċembru, 2016

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 1758/16LM

**Joseph Mamo, irtirat, bin Gerald u Stella née Borg, imwieled Birkirkara u residenti Villa Mamo, Triq San Pawl, Naxxar, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 274836M**

**vs.**

**Herman Farrugia, irtirat, bin il-mejtin Joseph u Inez née Portelli, imwieled Ħaż-Żebbuġ, Malta u residenti Sweet Breeze, Triq l-Imtarfa, l-Imtarfa, detentur tal-karta tal-identità numru 369649M u Rose Farrugia, mart l-imsemmi Herman, bint Joseph Azzopardi u Maria née Abela, imwielda r-Rabat, Malta u residenti Sweet Breeze, Triq l-Imtarfa, l-Imtarfa, detentriċi tal-karta tal-identità numru 786348M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tar-rikorrent **Joseph Mamo** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent") ippreżentat fid-29 ta' Novembru, 2016.

Rat id-digriet tagħha tad-29 ta' Novembru, 2016 fejn wara li rat l-Artikolu 875(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, laqgħet it-talba provviżorjament, irriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri u appuntat ir-Rikors għas-smigħ għall-15 ta' Diċembru, 2016, b'dan li ordnat in-notifika tar-rikors u tad-digriet lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, lir-Reġistratur tal-Artijiet u lill-intimati konjugi Herman u Rose Farrugia, liema intimati ngħataw sat-12 ta' Diċembru għar-risposta.

Rat ir-risposta tal-intimati **konjuġi Herman u Rose Farrugia** (minn issa 'l quddiem "l-intimati") ippreżentata fit-12 ta' Diċembru, 2016.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-Mandat.

Semgħet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tal-15 ta' Diċembru, 2016.

Rat id-Digriet tal-15 ta' Diċembru, 2016 fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta relattivi għal mandati ta' inibizzjoni, u partikolarment l-Artikoli 831, 873, 874, 875 u 876A.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrent permezz tar-Rikors tiegħu (minn issa 'l quddiem "ir-Rikors odjern") qiegħed jitlob għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni abbażi tal-Artikolu 874 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Waqt it-trattazzjoni tal-avukat tar-rikorrent, huwa ddikjara li l-istess talba għall-Mandat saret abbażi tal-Artikolu 873 u ċjoè mhux għal xi somma pretiża, iżda biex tinżamm ħajja u impreġudikata l-azzjoni (l-*actio pauliana*) tar-rikorrent fil-kawża li nfetħet kontestwalment mal-preżentata tal-istess mandat odjern, fejn qiegħed jitlob ir-rexxissjoni ta' żewġ kuntratti, liema azzjoni ma tkunx tista' tkompli fil-mument li l-proprjetajiet oġġett ta' dawn iż-żewġ kuntratti jgħaddu f'idejn terzi *in buona fede*.

Is-sub-artikoli (1) u (2) tal-Artikolu 874 jgħidu:

> "***874.*** *(1) Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbigħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu.*
>
> *(2) Meta mandat jipprojbixxi l-bejgħ, it-trasferiment jew it-tneħħija oħra ta' proprjetà immobbli, ir-rikors għandu jkun fih il-partikolaritajiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-persuna li jinħareġ kontriha u li huma meħtieġa mil-liġi dwar ir-reġistrazzjoni ta' trasferiment ta' proprjetà immobbli minn dik il-persuna fir-Reġistru Pubbliku. Fejn il-mandat jirreferi għall-immobbli speċifiċi, dawn*

*għandhom jiġu deskritti fir-rikors, bil-mod provdut fl-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku, dwar noti tal-iskrizzjoni, jiġifieri li din għandha sseħħ b'referenza għad-data ġeografika inkwistjoni. Meta r-rikors jirreferi għal proprjetà immobbli speċifika għandu wkoll ikollu mehmuż miegħu abbozz sħiħ tan-nota ta' iskrizzjoni biex tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku".*

Ir-rikorrent qiegħed jitlob li żewġ proprjetajiet speċifiċi[1] li ġew ittrasferiti min-nutar Rachelle Farrugia Buhagiar u żewġha Joseph Buhagiar, lill-ġenituri tal-istess nutar, u ċjoè lill-intimati odjerni, ma jiġux trasferiti b'ebda mod, u ċjoè li l-intimati, illum proprjetarji tal-istess proprjetajiet jinżammu milli jbigħu jew jittrasferixxu bi kwalunkwe mod jew jikkonċedu drittijiet lil terzi, kemm reali jew personali, sew b'titolu oneruż jew gratuwitu, u dan sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu fil-kawża istitwita kontestwalment minnu kontra l-intimati odjerni, u kontra binthom in-nutar Rachelle Farrugia Buhagiar u żewgha Joseph Buhagiar.

Illi fl-imsemmija kawża li ġiet istitwita kontestwalment ma' dan ir-Rikors[2], l-attur (ir-rikorrent fil-proċeduri odjerni) qed jitlob illi żewġ kuntratti datati t-tnejn 26 ta' Novembru, 2007 li bihom ġew ittrasferiti ż-żewġ proprjetajiet immobbli min-nutar Rachelle Farrugia Buhagiar u żewġha Joseph Buhagiar lill-intimati odjerni[3], jiġu rexxissi u ddikjarati nulli stante li saru b'qerq u bi ħsara għall-attur (ir-rikorrent odjern) u ċjoè biex ma tkunx tista' tiġi inforzata mill-istess rikorrent odjern sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Joseph Mamo *vs.* Nutar Rachelle Farrugia Buhagiar**[4] fejn il-Qorti

[1] L-abbozz tan-nota ta' iskrizzjoni rigward iż-żewġ proprjetajiet inkwistjoni biex tiġi rreġistrata fir-Reġistru Pubbliku tinsab a fol. 33 tal-proċess.
[2] Kopja tar-Rikors Maħluf tinsab esebita bħala Dok. JM a fol. 4 sa 8 tal-proċess.
[3] Kopja taż-żewġ kuntratti ġew esebiti mill-intimati a fol. 44 sa 48 u 49 sa 54 tal-proċess.
[4] PA, 28.01.2016 (Rikors Maħluf 959/2009) fl-ismijiet **Joseph Mamo *vs.* Nutar Rachelle Farrugia Buhagiar LL.D**, liema deċiżjoni ġiet però appellata mill-konvenuta u għadha, kif osservaw l-intimati u jaqbel ukoll ir-rikorrent, *sub judice.*

kkundannat lill-imsemmiija nutar tħallas lill-attur (ir-rikorrent odjern) is-somma ta' €186,349.87 bħala danni sofferti mir-rikorrent tort ta' "imprudenza kif ukoll imperizja da parti tal-istess nutar intimata fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħha".

Illi l-intimati eċċepew b'mod preliminari n-nullità tar-Rikors in vista tal-Artikolu 831 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li abbażi tal-Artikolu 876A tal-istess Kap. 12 jipprovdi li tali artikolu, fost oħrajn, jgħodd ukoll għall-mandati ta' inibizzjoni.

L-ewwel sub-artikolu tal-Artikolu 831 jipprovdi:

> *(1) It-talba għall-ħruġ ta' xi wieħed mill-atti msemmija għandha ssir b'rikors imħejji mir-rikorrenti u għandu jkun fiha, taħt il-piena tan-nullità tal-att, minbarra partikolaritajiet oħra li jistgħu jkunu ordnati b'regolamenti:*
>
> *(a) l-oriġini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wieħed ikun irid iqiegħed fiż-żgur; u*
>
> *(b) fejn id-dritt imfittex li jkun assikurat bl-att huwa dejn, jew talba li tista' tkun sodisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus, l-ammont li għalih tammonta t-talba.*
>
> *Jekk il-kawża tkun diġà ġiet ippreżentata fil-qorti, dik it-talba tista' tispeċifika u tinkludi l-ispejjeż ġudizzjarji kollha.*

Illi l-istess intimati jagħmlu referenza għal digrieti fejn talba għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kienet miċħuda minħabba nullità proċedurali, u ċjoè dak fl-ismijiet **Helen Magri *vs.* Dr Alessandro Lia *noe*** mogħti fit-28 ta' April, 2015 u dak fl-ismijiet **Avv. Anthony Galea *noe vs.* Adrian Agius** mogħti fil-31 ta' Lulju, 2014.

Iżda f'dawn iż-żewġ rikorsi ma kien mitlub jew issemma ebda ammont u dan stante li l-pretensjonijiet li kellhom jiġu kawtelati bil-mandati kienu għadhom iridu jiġu likwidati u kwantifikati permezz ta' kawża. Fil-fatt fl-ewwel digriet il-Qorti kienet qalet:

> "Huwa minnu li l-kreditu pretiż huwa wieħed *da liquidars*i iżda huwa ċar li l-legislatur kien antiċipa din l-eventwalità fl-artiklu 382 fejn jinsisti li jiġi mfisser ammont pretiż anke f'każ bħal dan. Skont dan l-artiklu "meta l-jedd li wieħed irid iqiegħed fiż-żgur bil-mandat ikun kreditu, jew pretensjoni li tista' tkun sodisfatta bi ħlas ta' somma ta' flus, bħal ma hu fil-każ odjern, ir-rikorrent fid-dikjarazzjoni bil-ġurament imsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandu jgħid kemm hija bejn wieħed u ieħor, fil-fehma tiegħu, is-somma tal-kreditu jew pretensjoni tiegħu."

Barra minn hekk fit-tieni digriet suċitat jingħad:

> "Tqis li għalhekk, għalkemm it-talba tar-rikorrent *nomine* hija waħda għal ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, ir-rimedju minnu stess mitlub huwa rimedju ta' likwidazzjoni u ħlas ta' danni, jiġifieri somma li tikkostitwixxi "dejn jew talba li tista' tkun soddisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus". Ir-rikorrent nomine seħaq li l-ammont ta' dannu mġarrab mill-kostitwenti tiegħu għadu mhux likwidat u għalhekk ma kienx f'qagħda li jgħid x'inhu d-dannu mġarrab mill-kumpannija rikorrenti. Għall-Qorti, dan mhuwiex argument tajjeb. Ladarba r-rikorrent għażel il-forma tal-att ġudizjarju li għażel, irid joqgħod għal dak li tgħid il-liġi. Il-fatt ukoll li fetaħ il-kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (u mhux quddiem xi qorti jew tribunal ta' kompetenza anqas *ratione valoris*) turi wkoll li l-kumpannija tassew għandha f'moħħha x'ammont ta' dannu tgħid li ġarrbet minħabba mġiebet l-intimat;
>
> Tqis għalhekk li n-nuqqas tar-rikorrent nomine li jsemmi l-valur tal-pretensjoni tiegħu hija nuqqas ewlieni li jolqot is-siwi tal-att ġudizzjarju li ressaq quddiem din il-Qorti. Minbarra dan, il-liġi tagħmilha ċara li nuqqas bħal dan iġib il-piena tan-nullità. Dan l-artikolu huwa wieħed mill-ftit li jsemmi din il-konsegwenza

> espressament u għalhekk hija waħda minn dawk id-dispożizzjonijiet li jgħodd għalihom l-artikolu 789(1)(a) tal-Kap. 12 li, għall-kuntrarju tas-sub-inċiż (ċ) tal-istess artikolu, ma fihx is-salvagwardja li l-parti intimata trid turi l-ħsara li ma tistax tissewwa li tkun ġarrbet minħabba dak in-nuqqas."

Illi fil-każ odjern l-ammont pretiż fil-kawża li nfetħet mhuwiex wieħed *da liquidarsi* għax ibbażat fuq id-danni mogħtija mid-deċiżjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Joseph Mamo *vs.* Nutar Rachelle Farrugia Buhagiar** datata 28 ta' Jannar, 2016, (u dan irrispettivament mill-fatt illi l-istess kawża għadha *sub judice* għax ġiet appellata mill-konvenuti f'dik il-kawża). Iżda apparti dan, l-ammont pretiż jissemma wkoll fir-Rikors odjern fl-ammont ta' €186,349.87.

Illi l-formola li ġiet ippreżentata mir-rikorrent flimkien mar-Rikors odjern hija il-Formola Nru 21[5] – Mandat ta' Inibizzjoni (formola ġenerali) u mhux Formola Nru 25[6] – Mandat ta' Inibizzjoni (fejn it-talba taċċedi €11,646.86). Filwaqt li fil-Formola Nru 25 hemm fejn ir-rikorrent għandu jispeċifika il-kreditu pretiż minnu, fil-Formola Nru 21 m'hemmx fejn jiġi speċifikat il-kreditu. Madankollu fir-Rikors odjern stess jissemma li dan qiegħed isir sabiex jiġu kkawtelati d-drittijiet tal-attur fil-kawża li ġiet ippreżentata kontestwalment (liema Rikors Maħluf tal-imsemmija kawża ġie anness bħala dokument mar-Rikors odjern) fejn qed tintalab r-rexxissjoni taż-żewġ kuntratti stante li saru b'qerq biex jiġu fix-xejn it-tentattivi tar-rikorrent li jiġbor l-ammont ta' danni ta' €186,349.87. Barra minn hekk fir-Rikors odjern dan l-ammont jissemma speċifikatament u ċjoè li l-istess nutar ġiet

[5] Parti minn Skeda B, Kap. 12.
[6] Parti minn Skeda B, Kap. 12.

kkundannata tħallas danni ta' €186,349.87 u jkompli jingħad eżatt wara "illi jirriżulta illi bit-trasferiment fuq imsemmija li saru lill-intimati, in-Nutar Rachelle Farrugia Buhagiar ma għandhiex assi fil-patrimonju tagħha fuq xiex tkun tista' tiġi inforzata sentenza kontriha, u l-iskop tagħha kien proprju dan."

Imma anki li kieku intużat mir-rikorrent il-formola korretta (Nru 25) li speċifikatament tagħmel riferiment għall-"Kreditu: l-ammont u Titolu:", liema formola normalment timtela billi jsir riferiment għal "kif fuq spjegat" ċjoè permezz tad-dettalji msemmija fir-Rikors innifsu, b'dan il-mod xorta waħda kien ikun ġie speċifikat il-kreditu.

Fil-fatt fid-digriet su ċitat fl-ismijiet **Avv. Anthony Galea *nomine vs.* Adrian Agius**, din il-Qorti, diversament presjeduta kkonkludiet li:

> "Tqis li l-fatt waħdu li r-rikorrent nomine għoġbu jagħżel li jinqeda bil-formola tal-Mandat ta' Inibizzjoni "ġenerali" minflok dik partikolari ma twassalx għan-nuqqas ta' siwi tal-att. Ta' min jisħaq li l-formola taħt l-artikolu 874 hija biss waħda minn suriet partikolari maħsuba mil-liġi fl-għamla tal-Mandat ta' Inibizzjoni, iżda ma hemm imkien li kreditur ma jistax jinqeda bil-Formola "ġenerali" tal-Mandat biex iħares il-pretensjonijiet tiegħu. Kif ingħad qabel, ladarba r-rikorrent ikun għażel li jinqeda bil-Formola "ġenerali", jkun tefa' fuqu l-piż li jissoddisfa l-elementi kollha meħtieġa biex jikseb il-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub, ħaġa li ma jkollux għalfejn jagħmel li kieku jkun għażel li jinqeda bil-Formola taħt l-artikolu 874. Minbarra dan, l-intimat naqas li juri xi ħsara ġarrab bil-fatt li r-rikorrent nomine nqeda b'formola minflok b'oħra, ladarba dawn it-tnejn jirrigwardaw l-istess Mandat. Kien ikun, forsi, argument ieħor li kieku r-rikorrent ried joħroġ Mandat kawtelatorju ieħor u jinqeda bil-Formola tal-Mandat ta' Inibizzjoni: iżda hawnhekk ma ġarax hekk;

Tqis għalhekk, li din l-eċċezzjoni ma tistax titqies bħala tajba safejn mibnija fuq l-artikolu 789(1)(ċ) tal-Kap 12;

Tqis li l-ewwel raġuni miġjuba 'l quddiem mill-intimat hija li r-rikorrent nomine naqas għal kollox milli jindika mqar b'mod vag x'inhi s-somma jew l-ammont li huwa jrid jikkawtela bil-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub. L-intimat isejjes din l-eċċezzjoni fuq dak li jipprovdi l-artikolu 831(1)(b) u 832 tal-Kap. 12, marbuta mal-artikolu 789(1)(a) tal-istess Kodiċi;

Tqis li huwa tabilħaqq minnu li r-rikorrent nomine fl-ebda parti mir-rikors tiegħu ma jsemmi xi somma li huwa jrid iħares bit-talba tiegħu għall-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub. Tqabbil tar-rikors li bih ressaq din il-proċedura mal-kontenut tar-Rikors Maħluf minnu mressaq kontra l-intimat meta fetaħ il-kawża kontestwalment mat-talba tiegħu għall-ħruġ ta' dan il-Mandat juri li ż-żewġ atti jinqdew bl-istess raġunijiet kelma b'kelma;"

Illi f'dan il-każ, għad illi intużat formola flok oħra, xorta waħda joħroġ ċar l-ammont pretiż li r-rikorrent odjern qed ifittex li jissalvagwardja bit-talba tiegħu għal ħrug ta' mandat ta' inibizzjoni.

Illi r-rikorrent jikkontendi li l-formola użata kienet dik korretta peress illi l-għan tat-talba għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kien li tiġi ikkawtelata l-*actio pauliana* minnu eżerċitata fil-kawża li fetaħ kontestwalment mar-Rikors odjern u mhux biex jikkawtela d-dejn dovut, għax del resto ma kien hemm ebda dejn dovut lilu mill-intimati nfushom. Min-naħa tagħhom l-intimati jirribattu billi jsostnu illi l-Artikolu 831 jimponi taħt piena ta' nullità jekk ir-rikorrent jonqos li jindika l-ammont tal-kreditu pretiż mhux biss "(b) fejn id-dritt imfittex li jkun assikurat bl-att huwa dejn" iżda anki f'każ ta' "talba li tista' tkun sodisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus" kif wara kollox kien dan il-każ.

Illi fi kwalunkwe każ il-Qorti tqis illi f'dan il-każ l-ammont tal-kreditu pretiż ġie effettivament ddikjarat u għaldaqstant tikkonkludi illi din l-eċċezzjoni kif imressqa mill-intimati ma treġix f'dan il-każ.

Il-Qorti tixtieq f'dan l-istadju tagħmel osservazzjonijiet ta' natura ġenerali dwar mandati ta' inibizzjoni.

Illi l-iskop ta' talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara jew preġudizzju għall-jeddijiet pretiżi mill-persuna li qed titlob il-ħruġ tal-Mandat [7] u fil-każ odjern abbinat mal-Artikolu 874(1) diġà fuq imsemmi, meta t-talba tkun saret minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€11,646.86), bħal f'dan il-każ, l-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbiegħ, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali fuq dik il-proprjetà.

Illi għad illi huwa minnu li sal-lum l-intimati odjerni mhumiex kredituri tar-rikorrent, iżda f'każ li r-rikorrent jirbaħ il-kawża istitwita minnu kontra l-intimati, binthom in-nutar u żewġha, il-beni jerggħu jmorru lura fil-pussess tan-nutar u żewġha u jservu biex jagħmlu tajjeb għall-pretensjonijiet tar-

[7] L-Artikolu 873(1) tal-Kap. 12.

rikorrent f'każ li l-appell[8] intavolat min-nutar Rachelle Farrugia Buhagiar ma jiġix milqugħ.

Illi skont l-Artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti, ir-rikorrent irid juri li (i) il-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu tant li bin-nuqqas ta' ħruġ tiegħu r-rikorrent sejjer isofri preġudizzju irrimedjabbli u (ii) li huwa jidher li għandu *prima facie*, mad-daqqa ta' għajn, dawk il-jeddijiet pretiżi.[9] Dawn iż-żewġ elementi rikjesti mil-liġi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni.

Il-Qorti mhix mitluba li tara x'jeddijiet għandu r-rikorrent iżda ai termini tal-Artikolu 874 tal-Kap. 12 trid tara oġġettivament jekk ir-rikorrent għandux pretensjoni ta' jedd. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.[10]

Barra minn hekk dawn iż-żewġ elementi rikjesti mil-liġi huma kriterji oġġettivi[11] u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat ta' din ix-xorta, il-Qorti għandha tagħti interpretazzjoni restrittiva peress li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju ieħor, isir fi

---

[8] Fil-kawża Rikors Maħluf Nru 959/2009.

[9] Qorti tal-Kummerċ, 26.05.1995 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Cassar Pullicino *noe* *vs.* Caruana Curran *noe et*** (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387).

[10] PA, 27.11.2014 - **Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri *vs.* Giuseppe Camilleri *sive* Joseph**.

[11] QA, **Sonia Grech pro et noe *vs.* Stephanie Manfrè** (Kollez. Vol: LXXII.ii.290).

żmien meta l-pretensjoni tar-rikorrenti ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata.

L-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilmenta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.[12] Minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali.[13]

Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-pretensjoni ta' jedd li jista' jkollu, jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta'Mandat ta' Inibizzjoni ntlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tfittix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[14]

[12] PA, 2.1.1993 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Avukat Victor Borg Grech *vs.* Joseph Gasan *et noe*.**

[13] PA, 11.3.2003 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **IWT Group Malta Ltd *vs.* Direttur Generali tal-Kuntratti *et*.**

[14] PA, 27.11.2014 - **Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri vs. Giuseppe Camilleri sive Joseph.**

Illi fil-każ odjern, ir-rikorrent jidher li għandu *prima facie*, mad-daqqa ta' għajn, dawk il-jeddijiet pretiżi. Kif ġie enunzjat fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna, ma jfissirx li dawn il-jeddijiet huma ċerti, jew li l-Qorti tal-Appell mhijiex ser taqleb id-deċiżjoni tal-prim' istanza li stabbiliet d-danni dovuti min-nutar Rachelle Farrugia Buhagiar lir-rikorrent. Iżda jidher li r-rikorrent *prima facie* għandu dan id-dritt u l-Qorti f'dan l-eżami f'livell *prima facie*, s'hawnhekk għandha tasal u fil-fatt għandha tieqaf hawn.

Dan l-element ta' dritt irid ukoll jiġi abbinat (kumulattiv) ma' jekk il-Mandat huwiex meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu tant li bin-nuqqas ta' ħruġ tiegħu r-rikorrent sejjer isofri preġudizzju irrimedjabbli. F'dan l-istadju jirriżulta li ż-żewġ proprjetajiet imsemmija kienu jagħmlu parti mill-patrimonju tan-nutar Rachelle Farrugia Buhagiar. Irrispettivament minn jekk kif allegaw l-intimati li dawn il-proprjetajiet kienu ġew trasferiti lilhom bil-ħsieb li n-nutar Rachelle Farrugia Buhagiar u żewġha Joseph Buhagiar jisseparaw (u dan bil-kunsens sħiħ tal-istess żewġha Joseph Buhagiar, xi ħaġa li fil-fehma tal-Qorti hija pjuttost inspjegabbli) jew jekk kif jallega r-rikorrent, li dawn il-proprjetajiet ġew trasferiti lill-intimati sabiex ir-rikorrent eventwalment ma jkollux fuqhiex jeżegwixxi jekk tiġi kkonfermata s-sentenza tad-danni kontra l-istess nutar, dawn il-proprjetajiet żgur li kienu jagħmlu parti sostanzjali mill-patrimonju tan-nutar Rachelle Farrugia Buhagiar. Għalkemm huwa veru li t-trasferiment taż-żewġ proprjetajiet inkwistjoni lill-intimati sar ħafna qabel (kważi sentejn) ma r-rikorrent fetaħ il-kawża kontra n-nutar Rachelle Farrugia Buhagiar, però il-problemi għar-rikorrent inqalgħu meta nfetħet kawża kontrih minn ċertu Emanuel Gatt

biex iwaqqa' kuntratt ta' debitu li daħal fih ibnu Christopher Gatt fir-rigward tar-rikorrent odjern ta' proprju l-ammont fuq imsemmi ta' €186,349.87. Minn din il-kawża[15] jirriżulta li l-istess kuntratt kien fih prokura fejn Emanuel Gatt kien jidher bħala garanti b'ipoteka spċjali għas-self ta' ibnu, li però jirriżulta li kienet falza u rriżulta li qatt ma ġiet iffirmata minn l-istess Emmanuel Gatt. Jidher li n-nutar Rachelle Farrugia Buhagiar qatt ma kienet xhud tal-firma tal-imsemmi Emmanuel Gatt kif differentement jidher mill-istess prokura, u dik il-Qorti fis-sentenza tagħha ġustament għaddiet kummenti ħorox fejn iċċensurat li n-nutar pubbliku Farrugia Buhagiar mhux biss għax għamlet l-iżball li tiffirma in bjank id-dokument, iżda ukoll għax għall-bidu tenniet b'affidavit maħluf minnha fit-22 ta' Lulju, 2005, li l-prokura kienet regolari, nonostante r-riperkussjonijiet li dan seta' joħloq għall-istess Emmanuel Gatt, iżda wara ammettiet quddiem il-Qorti li l-firma kienet għamlitha in bjank u qatt ma rat lil Emmanuel Gatt jiffirma l-prokura. Fil-fatt dan kien wara li dik il-Qorti kienet ħatret espert tal-kitba li rrelata li l-firma kienet falza u dan fis-6 ta' Novembru, 2007, ftit gimgħat qabel ma saru t-trasferimenti tal-proprjetà tal-istess nutar lill-ġenituri tagħha.

Illi jekk r-rikorrent ikollux eżitu favorevoli jew le fl-appell (fil-kawża għad-danni kontra n-nutar Rachelle Farrugia Buhagiar) u jekk ir-rikorrent ikollux eżitu favorevoli fil-kawża li fetaħ biex jirrixxindi l-kuntratti inkwistjoni, huma kwistjonijiet li din il-Qorti ma tistax u m'għandhiex tidħol fihom. Però ċertament r-rikorrent jidher *prima facie* li għandu dritt x'jiġi kkawtelat u t-talba tiegħu għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni hija tabilħaqq intiża sabiex

[15] Kopja annessa f'dan il-proċess a fol. 10 – 14 fl-ismijiet **Emmanuel Gatt *vs* Avv. Martin Fenech u P.L. Victor Bugeja bħala kuraturi għall-assenti Christopher Gatt, u Joseph Mamo**, datata 26 ta' Frar, 2008.

tħares id-dritt tar-rikorrent fl-eventwalità ta' eżitu favorevoli għalih fil-mertu.

Illi l-intimati ġustament itennu li l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni mhux awtomatiku u mhux qiegħed hemm għal piki jew biex isir pressjoni fuq id-debitur u jiċċitaw f'dan ir-rigward sentenza tat-3 ta' Lulju, 2003.[16] Dik il-kawża kienet għal talba ta' revoka ta' mandat ta' qbid in vista li kienu saru ben żewġ mandati oħra ta' sekwestru u ta' inibizzjoni biex ma jiġux trasferiti proprjetajiet, biex jissalvagwardjaw il-pretensjonijiet. F'dik is-sentenza kien ġie ritenut illi:

> "Wara l-ħruġ ta' dan l-aħħar Mandat, l-intimata ma għamlet xejn u żammet fis-seħħ tlett mandati biex tikkawtela l-istess pretensjoni: bil-Mandat ta' Sekwestru baqgħet iżżomm is-somma ta' Lm1,426.89, bil-Mandat ta' Qbid żammet elevati t-taxi u c-charabanc, li huma l-meritu tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet, u bil-Mandat ta' Inibizzjoni żammet tlett proprjetajiet immobbli, li huma flat, formanti parti minn blokk bini bl-isem ta' Broad House, f'San Pawl tat-Tarġa, terran numru 16, Triq Santa Rita, f'Tas-Sliema, u *maisonette* fi Triq Zammit Clapp, f'San Ġiljan.
>
> Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-intimata ma kellhiex iżżomm dawn it-tlett mandati fis-seħħ għax kienet taf li issa ġiet ikkawtelata aktar milli hu meħtieg. Hu hawn li naqset l-intimata. Il-Mandati kawtelatorji għandhom skop preċiż u jridu jintużaw biex jiġu salvagwardjati l-interessi ta' min jitlob il-ħruġ tagħhom, u mhux biex jissikkaw il-pretiż debitur jew għall-pika jew bi ħsieb malizzjuż ieħor. Kreditur għandu dritt jitlob il-ħrug ta' kull mandat permess bil-liġi, però, għandu jikkontrolla l-effetti tagħhom hu stess u jekk jara li hu kopert aktar milli hu meħtieg, għandu jirregola ruħu u jitlob hu stess it-tnaqqis jew tħassir ta' xi mandat partikolari. Il-mandati m'għandhomx jintużaw bħala magna ta' estorzjoni, iżda bid-debita prudenza, u l-abbuż jista', u għandu, jiġi sanzjonat bl-imposizzjoni tal-penali .... omissis ... Miċ-ċirkostanzi tal-każ, jidher li fil-fehma tal-Qorti, it-tħassir ta' dan il-mandat huwa ġustifikat taħt is-subparagrafu (f), għax,

[16] PA, **Josephine Sammut vs Emanuel Sammut *et.***

illum, bil-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, mhux raġonevoli li dan il-Mandat ukoll jinżamm fis-seħħ."

**F'din l-istanza din il-Qorti ma tirrileva ebda abbuż da parti tar-rikorrent u ma tarax għaliex l-istess mandat ta' inibizzjoni ma għandux jinżamm fis-seħħ.**

**Għaldaqstant tqis illi *prima facie*, mad-daqqa ta' għajn, ir-rikorrent jidher li għandu jedd pretiż x'jiġi kkawtelat u għal dawn il-motivi l-Qorti tikkonferma t-talba għal ħruġ tal-mandat kif mitlub.**

**Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati tal-Ġustizzja sabiex ai termini tal-Artikolu 874(3) tal-Kap. 12 jinnotifika fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet bl-atti ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jitħallsu mill-intimati.**

Mogħti kameralment fis-27 ta' Diċembru, 2016.